**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 623/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Jacqueline Farrugia**
**(ID 642281(M))**

**Illum: 30 ta' Novembru 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Jacqueline Farrugia** ta' 27 sena, bint Grezzju u Maria Dolores nee` Dalli, imwielda l-Pieta` nhar it-18 ta' Novembru 1981, residenti JMR Court, Flat 2B, Triq Manoel De Vilhena, Gżira, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 642281(M);

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-18 ta` Ġunju 2009 ġewwa l-Gżira, kif ukoll f'dawn l-aħħar sitt xhur, f'ħinijiet differenti u fi bnadi oħra f'Malta:

1) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra

awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ skont l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta hi ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha, liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ skont l-artikolu 22(2)(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datat 30 ta' Novembru 2009, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti mill-Prosekuzzjoni fil-11 ta' Diċembru 2009;

---

[1] Ara a fol. 6 tal-proċess.

Rat ukoll illi dan il-każ ġie assenjat lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[2];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Jesmond J. Borg** jixhed illi fit-18 ta' Ġunju 2009, membri mill-Iskwadra kontra d-Droga għamlu tfittxija fil-fond JMR Court, Flat 2B, Triq Manoel De Vilhena, Gżira u dan in konnessjoni ma' allegat traffikar ta' droga. Preżenti għal din it-tfittxija kien hemm l-imputata u ċertu Jason Michael Abela. Huwa jixhed ukoll illi fil-fond instabu għaxart iqratas bi trab ta' lewn kannella suspettat droga, miżien, siringi u oġġetti oħrajn relatati mad-droga, kif ukoll illi dawn l-oġġetti ġew mgħoddija lilu u l-persuni msemmija ġew arrestati. Ix-xhud hawnhekk jirreferi għall-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata u esebixxa l-istess stqarrija datata 18 ta' Ġunju 2009[3], flimkien ma' pakkett li skont hu, jidher li jikkontjeni *glucose dextrose powder* li ġie elevat minn fuq il-post[4], *wallet* tal-imputata li nstab fil-kamra tas-sodda[5], żewġ *mobile phones* tal-għamla Nokia[6], dokument li nstab fil-pussess tal-imputata[7] u l-pakketti bis-sustanza li nstabu fl-istess fond[8]. Mill-verbal tas-seduta tas-16 ta' Lulju 2009, jirriżulta illi l-istess xhud esebixxa wkoll, formalment, is-somma ta' ħames mija u ħmistax-il ewro (€515)[9].[10]

   L-istess **Spettur Jesmond J. Borg** riprodott, esebixxa wkoll, skont il-verbal tal-15 ta' Frar 2012, is-somma ta' ħames mija u ħmistax-il ewro

---

[2] Ara a fol. 77 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 11 sa 13 tal-proċess. **WPS 86 Diane Fenech** tixhed illi hija kienet xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata (a fol. 15 u 16 tal-proċess).
[4] Dan ġie esebit bħala Dok. JB 2. Skont il-verbal tal-istess seduta, madankollu, Dok. JB 2 jikkonsisti f'miżien.
[5] Dok. JB 3.
[6] Dok. JB 4.
[7] Dok. JB 5.
[8] Dok. JB 6.
[9] Ara a fol. 7 tal-proċess.
[10] Ara din ix-xhieda a fol. 8 sa 10 tal-proċess.

(€515)[11], għalkemm skont ix-xhieda tiegħu, huwa esebixxa s-somma ta' erba' mija u ħmistax-il ewro (€415) fi flus kontanti, li ġew elevati mingħand l-imputata[12].

2. **WPC 127 Carmen Gauci** tixhed illi fit-18 ta' Ġunju 2009 hija kienet għamlet tfittxija fir-residenza tal-imputata, fejn f'*portmoney* fi gwardarobba fil-kamra tas-sodda, instabu għaxar pakketti li kien fihom trab ta' lewn kannella, suspettat eroina. Tixhed ukoll illi kien hemm uffiċjali tal-Pulizija oħrajn li assistew fit-tfittxija u sabu xi oġġetti oħrajn, iżda ma tiftakarx x'kienu dawn l-oġġetti. Murija Dok. JB 7 ossia l-flus esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur, hija tgħid illi ma tiftakarx.[13]

3. L-espert **Dr. Martin Bajada** maħtur minn din il-Qorti kif diversement preseduta sabiex janalizza l-*mobile phones* esebiti bħala Dok. JB 4 u jieħu minnhom kull informazzjoni li jikkontjenu[14], esebixxa r-relazzjoni tiegħu fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2012[15]. Minn din ir-relazzjoni jirriżulta illi huwa eżamina żewġ ċellulari – ossia Nokia mudell 1100 u *sim card* tas-soċjeta` Vodafone Malta (immarkat mill-espert bħala Dok. MB1), kif ukoll Nokia mudell 3120 Classic u *sim card* tas-soċjeta` Vodafone Malta (immarkat mill-espert bħala Dok. MB2) u ħareġ l-informazzjoni kontenuta fiż-żewġ ċellulari, iżda mhux minn fuq is-*sim cards* stante li dawn kienu *pin locked*. Din l-informazzjoni tinsab riprodotta fir-rapport tekniku anness mal-istess relazzjoni.

4. Mir-relazzjoni esebita mill-espert ix-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur minn din il-Qorti kif diversement preseduta, sabiex janalizza d-droga u l-miżien li ġew elevati mill-pussess tal-imputata, ossia Dok. JB 2 u Dok. JB 6[16], jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* kannella mmarkat bħala S/B/411/2010 li fih kien hemm *evidence bag* bin-numru B00686164 u li fiha kien hemm:

   a) Borża tal-plastik trasparenti mmarkata JB 3 li fiha: (i) karta bil-kliem Data <u>18/06/2009</u>, Ħin <u>10:00am</u>, Elevat/i minn <u>ġewwa l-kamra tas-sodda</u> fil-preżenza ta' <u>Jacqueline Farrugia</u> minn <u>PS1086, WPC127</u>; (ii) kartiera li fiha liċenzja tas-sewqan ta' Godwin Gatt, *European Health Insurance Card* ta' Godwin Gatt u karta;

---

[11] Ara a fol. 22 tal-proċess.
[12] Ara din ix-xhieda a fol. 23 tal-proċess. Il-flus ġew immarkati bħala Dok. JB 7.
[13] A fol. 25 u 26 tal-proċess.
[14] Ara d-digriet tal-15 ta' Frar 2012, a fol. 22 u 22A tal-proċess.
[15] Ara r-relazzjoni esebita bħala Dok. MB 1, a fol. 30 *et seq* tal-proċess.
[16] Ara d-digriet tal-15 ta' Frar 2012, a fol. 22A tal-proċess.

b) Borża tal-plastik trasparenti mmarkata JB5 li fiha: (i) karta bil-kliem Data 18/06/2009, Ħin 10:00am, Elevat/i minn ġewwa l-kartiera bajda fil-preżenza ta' Jacqueline Farrugia minn PS1086, WPC127; (ii) karta bajda li fiha xi kliem fuqha;

c) *Evidence bag* bin-numru A01672563 immarkat JB6 li fih disat iqratas tal-karti li kien fihom trab ta' lewn kannella u li ġie mogħti l-kodiċi tal-laboratorju 124_12_03.

d) Borża tal-plastik trasparenti mmarkata JB2 li fiha: (i) karta bil-kliem Data 18/06/2009, Ħin 10:30am, Elevat/i minn ġewwa l-kċina fil-preżenza ta' Jacqueline Camilleri minn PS1086, WPC127; (ii) kaxxa bil-kliem *Glucose (Dextrose Powder)* li fiha borża tal-plastik trasparenti li fiha trab ta' lewn abjad u li ġie mogħti l-kodiċi tal-laboratorju 124_12_04.

L-espert ikkonkluda hekk dwar dawn id-dokumenti:

(a) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 124_12_03 instabet is-sustanza Eroina. Il-piż tat-trab kien ta' 1.18 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 30%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(b) Illi fuq estratt meħud mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 124_12_04 ma nstabitx droga.[17]

**PS 1086 Johann Micallef** jixhed illi fit-18 ta' Ġunju 2009, flimkien ma' membri oħra mill-Iswkadra kontra d-Droga, huwa għamel tfittxija fir-residenza tal-imputata u fil-gwardarobba, fil-kamra tas-sodda tagħha, instabet kartiera tan-nisa li fiha kien hemm madwar għaxart iqratas b'sustanza suspettata eroina. Jixhed ukoll illi fil-kumplament tal-apparament ossia fil-kċina nstabu wkoll miżien elettroniku u xi siringi użati.[18]

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata nhar it-18 ta' Ġunju 2009, liema stqarrija ġiet rilaxxjata minnha lill-Pulizija Eżekuttiva wara li hija ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, iżda mingħajr il-jedd li tottjeni parir legali qabel l-

[17] Ara x-xhieda tal-espert, a fol. 50 u 51 tal-proċess u r-relazzjoni esebita bħala Dok. GS 1, a fol. 52 *et seq* tal-proċess.
[18] A fol. 79 u 80 tal-proċess.

interrogatorju tagħha u illi tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Dan għaliex dawn il-jeddijiet ma kinux viġenti fil-liġi Maltija fiż-żmien tal-każ odjern, billi l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35/2010, filwaqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Fil-kors tat-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża ssottomettiet illi l-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni ta' din l-istqarrija, mingħajr ma rreferiet għar-raġuni għaliex il-Qorti għandha tagħmel dan. Madankollu, tenut kont tal-ġurisprudenza in materja, il-Qorti tifhem illi l-lanjanza tad-difiża tirreferi proprju għall-fatt illi meta l-imputata rrilaxxjat l-istqarrija tagħha lill-Pulizija, hija ma ngħatatx il-jeddijiet fuq imsemmija.

Hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenzi fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **<u>Graziella Attard vs Avukat Ġenerali</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Settembru 2019), **<u>Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **<u>Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022) u fid-dawl ta' dawn is-sentenzi, qed tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata bħala nieqsa minn valur probatorju. Fil-każ odjern il-Qorti tqis illi fl-istqarrija rilaxxjata minnha, l-istess imputata għamlet dikjarazzjonijiet li kienu ta' preġudizzju serju għaliha u inkriminanti. Għalhekk jidhrilha illi għandha tiskarta din l-istqarrija meħuda lill-imputata mingħajr il-jedd għall-assistenza legali qabel u waqt l-interrogatorju tagħha, u dan sabiex ma jkun hemm l-ebda riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-istess imputata. Naturalment dan japplika wkoll għal dik il-parti tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur f'dawn il-proċeduri, fejn huwa għamel referenza għall-kontenut ta' din l-istqarrija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputata tinsab akkużata talli fit-18 ta' Ġunju 2009 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, forniet jew ipprokurat id-droga eroina, jew offriet li tforni jew li tipprokura l-istess droga, kif ukoll illi kienet fil-pussess tad-droga eroina f'ċirkostanzi li juri li din ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha, biż-żewġ reati aggravati bid-distanza.

Illi in kwantu r-reat ta' pussess tad-droga f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marius Magri</u>** qalet hekk:

> "Illi dawn il-każijiet mhux l-ewwel darba li jippreżentaw certa diffikolta` biex wieħed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiża għall-użu personali jew biex tiġi spaċċjata. Il-prinċipju regolatur f'dawn il-każijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni w a bazi tal-provi li jinġabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv (jiġifieri għall-użu biss) tal-pussessur. Prova, ossia ċirkostanza waħda f'dan ir-rigward tista', skond iċ-ċirkostanzi tal-każ tkun biżżejjed."

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**:

> "kull kaz hu differenti mill-ieħor u jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-ġudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-użu esklussiv tal-akkużat, fl-aħħar mill-aħħar hija waħda li jrid jagħmilha l-ġudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika w l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' April 2017 fejn ingħad hekk:

> "Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li jressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "**possession with intent to supply**", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta' l-ispacc

kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia li din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha meta hemm imghallem superjorment:

"**Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha**"

Illi maghmula din id-distinzjoni xorta wahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk:

"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:

- Possession of a quantity inconsistent with personal use.

- Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.

- Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.

- Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.

- Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).

- Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for

example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.

• Money found on the defendant was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.

• Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant lifestyle which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.

• Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case."

Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:

"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article **may be inferred from objective factual circumstances**."

Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. Illi allura l-Ewwel Qorti iggwidat b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess ta' l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu."

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-18 ta' Ġunju 2009, il-pulizija għamlet tfittxija ġewwa r-residenza tal-imputata fil-Gżira, fejn kien hemm preżenti l-istess imputata u ċertu Jason Michael Abela. Jirriżulta wkoll illi minn kartiera li PS 1086 Johann Micallef jiddeskrivi bħala "*kartiera tan-nisa*" u li WPC 127 Carmen Gauci tiddeskrivi bħala "*portmoney*", li kienet tinsab fil-gwardarobba tal-kamra tas-sodda tal-imputata, ġew elevati numru ta' qratas, illi

skont ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta illi kienu disat iqratas tal-karti, liema qratas kienu jikkontjenu trab kannella li rriżulta fil-pożittiv għad-droga eroina. Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni illi t-trab f'dawn il-qratas kellu s-segwenti piż rispettivament: 0.11 grammi, 0.11 grammi, 0.11 grammi, 0.11 grammi, 0.12 grammi, 0.13 grammi, 0.14 grammi, 0.17 grammi u 0.18 grammi.

Il-Qorti rat hija stess l-oġġetti li ġew elevati minn ġewwa r-residenza tal-imputata u esebiti f'dawn il-proċeduri, fosthom il-kartiera in kwistjoni, liema kartiera jirriżulta illi hija żgħira fid-daqs u ta' lewn iswed u illi fil-fehma tal-Qorti ma jistax jingħad illi hija kartiera tan-nisa, speċjalment fid-dawl tad-dokumenti misjubin fiha ossia dokumenti li jappartjenu lil ċertu Godwin Gatt konsistenti f'liċenzja tas-sewqan, kif ukoll *European Health Insurance Card*. Fl-istess kartiera kien hemm ukoll karta b'lista ta' ismijiet u ammonti ta' flus miktuba ħdejn kull isem. F'borża oħra, imbagħad, kien hemm karta oħra wkoll b'lista ta' ismijiet u ammonti ta' flus miktuba ħdejn kull isem, liema karta kienet flimkien ma' *tag* bil-kliem kif indikat fir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut (ara paragrafu 4(b) *supra*). Għalkemm skont din it-*tag* il-karta in kwistjoni nstabet "*ġewwa l-kartiera bajda*", din il-kartiera ma tinsabx esebita fl-atti. Il-Qorti tosserva illi l-lista f'din il-karta hija simili ħafna għal-lista fuq il-karta li nstabet fil-kartiera sewda u ż-żewġ listi jinkludu wkoll ismijiet komuni għat-tnejn ossia '*April*', '*Alan*', '*Andre*', '*Sharon*', '*Katia*', '*Jose*' u '*Paul*'.

Illi jirriżulta wkoll illi fil-kors tat-tfittxija ġewwa l-istess residenza, ġew elevati wkoll miżien, xi flus kontanti u żewġ *mobile phones* tal-marka Nokia. Kemm l-Ispettur Jesmond J. Borg, kif ukoll PS 1086, li kien preżenti għat-tfittxija, jixhdu illi mill-istess residenza ġie elevat miżien. Madankollu, minkejja li skont il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Lulju 2010, waqt ix-xhieda tiegħu, l-Ispettur Jesmond J. Borg esebixxa miżien li ġie mmarkat bħala 'Dok JB2', mit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-istess Spettur fis-seduta msemmija, jirriżulta illi bħala Dok. JB 2, huwa esebixxa dak illi ddeskriva bħala "*pakkett li jidher li huwa Glucose Dextrose Powder*". Il-Qorti tinnota wkoll illi minkejja li x-Xjenzat Godwin Sammut ġie nominat, fil-mori tal-proċeduri, "*sabiex janalizza d-droga u l-mizien li gew elevati minghand Jacqueline Farrugia (Dok JB2 u JB6)*", b'referenza għalhekk għal darb'oħra għal Dok. JB 2 bħala l-miżien in kwistjoni, mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ma jirriżultax illi d-dokumenti mgħoddija lilu għall-analizi kienu jinkludu dan il-miżien, tant li l-Qorti setgħet tikkonstata illi dan ma kienx fost l-esebiti mertu ta' dan il-każ. Fil-fatt il-Qorti tinnota wkoll illi x-Xjenzat Godwin Sammut jirreferi għal *Glucose Dextrose Powder* bħala Dok. JB 2, proprju kif jirriżulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg, liema dokument il-Qorti setgħet tara wkoll li kien jifforma parti mill-esebiti fuq imsemmija. Jidher għalhekk illi l-miżien elevat qatt ma ġie ppreżentat fl-atti proċesswali u illi għalhekk dan baqa' ma ġiex analizzat mill-espert.

Il-Qorti tosserva wkoll illi għalkemm mix-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg u ta’ PS 1086 Johann Micallef jirriżulta illi ġew elevati xi siringi użati, dawn baqgħu ma ġewx esebiti.

Il-Qorti qed tqis ukoll il-messaġġi li nstabu fuq iż-żewġ *mobile phones* tal-marka Nokia esebiti fl-atti u li jirriżultaw elenkati fir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada. Il-Qorti qegħda hija stess tirriproduċi hawnhekk dawn il-messaġġi, mhux fis-sekwenza li jidhru fiha fir-relazzjoni tal-istess espert, iżda fis-sekwenza ta’ data u ħin skont in-numru li minnu ntbagħtu l-istess messaġġi jew li lilu ntbagħtu l-messaġġi.

<u>Iċ-ċellulari Nokia mudell 1100</u>:

| *Container* | Data/Ħin/Numru | Messaġġ |
|---|---|---|
| *Inbox* | 09-Jun-09<br>18:28:29<br>**+35699473065** | *Mate get away fom her in clean ur self up and start afresh you can do it* |
| *Inbox* | 15-Jun-09<br>12:49:20<br>**+35699467037** | *bongu* |
| *Inbox* | 15-Jun-09<br>13:11:23<br>+35699467037 | *Nista nigi.* |
| *Inbox* | 15-Jun-09<br>13:50:13<br>+35699467037 | *Ok.* |
| *Inbox* | 16-Jun-09<br>13:13:19<br>+35699467037 | *Im here.* |
| *Inbox* | 16-Jun-09<br>15:11:45<br>+35699467037 | *Tista itni wihed u itijomlok ada pls.* |
| *Sent* | 16-Jun-09<br>15:15:32<br>+35699467037 | *Ma nistax jas mafga alostja eda qas naqadum min eda u infati kont ha nsaqsik a €60 li fadalek itini..* |

| | | |
|---|---|---|
| *Inbox* | 16-Jun-09<br>15:33:53<br>+35699467037 | *Ok thank u xorta.jin ax slma adu bla dawl alek.* |
| *Sent* | 17-Jun-09<br>12:12:53<br>99467037 | *Jas meta tkun gej gibli 2 faxex mil pily u foil pls* |
| *Inbox* | 17-Jun-09<br>12:13:35<br>+35699467037 | *Ok.* |
| *Inbox* | 17-Jun-09<br>12:56:05<br>+35699467037 | *On d way.* |
| *Sent* | 17-Jun-09<br>12:56:49<br>+35699467037 | *Get me rothmans red pls* |
| *Inbox* | 15-Jun-09<br>12:22:58<br>**+35679014053** | *Isu kwarta hi* |
| *Inbox* | 15-Jun-09<br>12:28:41<br>+35679014053 | *Ok* |
| *Inbox* | 15-Jun-09<br>13:12:19<br>+35679014053 | *Daqt nasal hi* |
| *Sent* | 16-Jun-09<br>12:41:37<br>+35679014053 | *Ima dunlix hafna ta ax bla diesel xej eda jin* |
| *Inbox* | 16-Jun-09<br>13:28:54<br>+35679014053 | *Aw ijat* |
| *Sent* | 16-Jun-09<br>13:49:54<br>79014053 | *U le ma tajd xej di ta mux xi tajba* |
| *Inbox* | 16-Jun-09<br>13:53:47<br>+35679014053 | *Ok hi* |

| | | |
|---|---|---|
| *Sent* | 17-Jun-09<br>12:07:42<br>79014053 | *Aw hi tista tadili* |
| *Inbox* | 15-Jun-09<br>19:03:23<br>**+35677817967** | *Int dar? Nadi* |
| *Inbox* | 15-Jun-09<br>23:34:37<br>+35677817967 | *Jek nibat 30 mints ohra nilhqek axisa raDuli tfal:-* |
| *Inbox* | 16-Jun-09<br>20:42:22<br>+35677817967 | *Han nigi al xahaga zajra ax qeda dan umbad nerga nadi aktar tard* |
| *Sent* | 16-Jun-09<br>21:35:03<br>**99426629** | *Im home* |
| *Sent* | 16-Jun-09<br>21:36:24<br>77817967 | *Wasalt ta* |
| *Inbox* | 16-Jun-09<br>21:47:00<br>+35677817967 | *Ok* |
| *Sent* | 17-Jun-09<br>11:23:25<br>+35677817967 | *Bongu im up* |
| *Inbox* | 17-Jun-09<br>12:53:46<br>+35677817967 | *Nista nadi* |
| *Inbox* | 17-Jun-09<br>12:56:24<br>+35677817967 | *Ma wigibtekw ax isa jina qomt!* |
| *Inbox* | 17-Jun-09<br>18:39:42<br>+35677817967 | *Nista nadi ima 10 kuluri hu pacensja* |
| *Inbox* | 17-Jun-09<br>21:13:22<br>+35677817967 | *Nista nerga nadi fadali naqa ohra* |

| | | |
|---|---|---|
| *Inbox* | 15-Sep-09<br>16:11:23<br>+35677817967 | *Ok dalodu mar u ftit ilu dahluh ara kem dewmux ma gejtx ax gab xAhaga hija u peres li qat nejn lomi etc tani u ima aktar tard tarani gax kolox sparixaa! Nibatlek* |
| *Inbox* | 15-Sep-09<br>20:48:05<br>+35677817967 | *Jek maj zomulix tfal iktar tard ax abli mankunx nista ninzel xol tatini 10 kuluri u najijmlok 5 ada u 5 pitada ? Jek jogbok* |
| *Sent* | *Message failed*<br>+35677817967 | *Ija mela* |
| *Sent* | *Message failed*<br>+35677817967 | *Ok* |
| *Sent* | 16-Jun-09<br>12:42:33<br>**+35699170176** | *Ok hi c u* |
| *Sent* | 17-Jun-09<br>18:28:13<br>99170176 | *Eja hi* |
| *Inbox* | 18-Jun-09<br>13:10:52<br>+35699170176 | *aw hi pls ha nigi xi kwarta ohra . Tamilli 10 bhal birah alih u iehro ta' 20 separati pls il gwienah u sbieh pls ... tahku qalbi* |
| *Sent* | 16-Jun-09<br>17:45:06<br>**99403523** | *Fej eda rit* |
| *Inbox* | 16-Jun-09<br>17:49:48<br>+35699043523 | *Id dar jak itfahom fil letter box* |
| *Sent* | 16-Jun-09<br>17:50:47<br>+35699403523 | *Ok* |
| *Sent* | 16-Jun-09<br>21:35:03<br>**99426629** | *Im home* |

| | | |
|---|---|---|
| *Sent* | 17-Jun-09<br>11:24:05<br>99426629 | *Im up* |
| *Inbox* | 17-Jun-09<br>20:47:18<br>+35699426629 | *Jac am out can I give u 30 euro today and 20 tom when u wake up pls* |

<u>Iċ-ċellulari Nokia mudell 3120c</u>

| | | |
|---|---|---|
| *Inbox* | 12/06/2009<br>14:47:46<br>**+35699426629** | *Hi jac ill come at 6 coz I am stuck with my dad ok with you. Sorry but i cant leave untill 6* |
| *Inbox* | 12/06/2009<br>15:55:39<br>+35699426629 | *Dropped money with jason* |
| *Inbox* | 12/06/2009<br>21:35:58<br>+35699426629 | *You up* |
| *Inbox* | 13/06/2009<br>09:33:53<br>+35699426629 | *Ok See you later* |
| *Sent* | 13/06/2009<br>11:26:12<br>99426629 | *Bongu im up* |
| *Sent* | 13/06/2009<br>11:31:33<br>99426629 | *At 1pm i wil leave bruce to go do our hair ta.just letting u know.* |
| *Sent* | 17/06/2009<br>20:56:13<br>99426629 | *Mela come* |
| *Inbox* | 12/06/2009<br>14:35:24<br>**+35679536913** | *Yes im ok jack and how r things with u ok i hope i will come and c u before i go to work ok sweet y* |
| *Inbox* | 13/06/2009<br>10:42:41<br>+35679536913 | *Hi darling an how r u jack went to jose to make sure about hair apo 4 u so c u at 1 an can i have a lo lly of 10* |

| | | |
|---|---|---|
| | | *please a good 10 sweet y thanks alot love kat ia x x x c u x* |
| *Inbox* | 13/06/2009<br>10:55:01<br>+35679536913 | *Coming darling an how is jose is he in a good mood i hope so x* |
| *Sent* | 13/06/2009<br>12:45:11<br>+35679536913 | *Hi swt just arrived at jose u coming* |
| *Sent* | 13/06/2009<br>12:54:29<br>+35679536913 | *Ye he looks ok ta.c u here* |
| *Inbox* | 12/06/2009<br>15:19:37<br>**+35699061854** | *jake ok int hi* |
| *Inbox* | 12/06/2009<br>16:03:05<br>+35699061854 | *jake tinsinnijx ta* |
| *Inbox* | 12/06/2009<br>16:06:27<br>+35699061854 | *nissel* |
| *Inbox* | 13/06/2009<br>08:24:34<br>+35699061854 | *addek riqda jake* |
| *Inbox* | 13/06/2009<br>09:17:24<br>+35699061854 | *sa nittawalek* |
| *Sent* | 13/06/2009<br>11:15:35<br>99061854 | *Bongu isa qomt* |
| *Sent* | 13/06/2009<br>11:16:44<br>+35699061854 | *Ok* |
| *Inbox* | 12/06/2009<br>16:23:26<br>**+35677817967** | *Int bara?* |

| | | |
|---|---|---|
| *Inbox* | 12/06/2009<br>17:22:32<br>+35677817967 | *Ilhaqt thalt?* |
| *Inbox* | 12/06/2009<br>17:25:54<br>+35677817967 | *Ax kolox vera kontra ax gibt dak isa andi al iktar ima umbad nadl aktar tard ta !* |
| *Inbox* | 12/06/2009<br>21:20:46<br>+35677817967 | *Taf nma tajtekx il 5 ul pqija tas sigareti ada filodu ngibomlok ax bil gen lanqas tajt kas* |
| *Sent* | 17/06/2009<br>19:40:41<br>77817967 | *Ok hi eja* |
| *Inbox* | 17/06/2009<br>20:43:16<br>+35677817967 | *Ok* |
| *Inbox* | 17/06/2009<br>21:11:35<br>+35677817967 | *Wasalt kwazi ilhaqt* |
| *Inbox* | 17/06/2009<br>21:14:22<br>+35677817967 | *30 u andi 5 tijak amili sabiha !* |
| *Sent* | 17/06/2009<br>22:41:32<br>77817967 | *Gibli malboro ahmar jek jogbok* |
| *Sent* | 17/06/2009<br>23:06:30<br>77817967 | *Jek tista gib51 lighter ukol* |
| *Sent* | 17/06/2009<br>23:11:48<br>+35677817967 | *Ok hi xridt* |
| *Inbox* | 13/06/2009<br>08:28:57<br>**+35679341460** | *Hi jackie can u get me one?* |
| *Inbox* | 13/06/2009<br>09:39:59<br>+35679341460 | *12 is good?* |

| | | |
|---|---|---|
| *Inbox* | 13/06/2009 09:41:32 +35679341460 | *Ok when ready not later then 1* |
| *Sent* | 13/06/2009 11:07:07 +35679341460 | *Hi just woke up what time shall we com* |
| *Sent* | 13/06/2009 11:39:25 +35679341460 | *Cos we jurt woke up* |
| *Sent* | 13/06/2009 11:41:17 +35679341460 | *No before obvisly* |
| *Inbox* | 13/06/2009 9:14:41 **+35699170176** | *sabih ta hi pls. 20 ezat ha ntik hi thanks ha nixtrilek* |
| *Inbox* | 13/06/2009 9:58:48 +35699170176 | *ok hi thanku* |
| *Sent* | 13/06/2009 11:14:31 +35699170176 | *Ok hi thks* |
| *Sent* | 13/06/2009 11:56:50 +35699170176 | *99163074 da ta jason ima jek ha cemplu al xi 8 ha jkolu ax ana l pracet ahna lum.thks.* |
| *Sent* | 18/06/2009 00:04:46 99170176 | *Eja hi* |
| *Sent* | 18/06/2009 00:12:48 +35699170176 | *Mandix cqedits* |

Il-Qorti ser tagħmel numru ta’ osservazzjonijiet fid-dawl tal-messaġġi fuq il-*mobile phones*, hawn elenkati. Fl-ewwel lok, ma jirriżultax mix-xhieda tal-PS 1086 Johann Micallef u ta’ WPC 127 Carmen Gauci fejn instabu eżattament iż-żewġ *mobile phones*, iżda l-Ispettur Jesmond J. Borg jesebihom flimkien mal-oġġetti li nstabu fir-residenza u fil-pussess tal-imputata. Fil-fatt il-Qorti tinnota illi fuq it-*tags* akkumpanjanti l-*mobile phones*, hemm indikat illi dawn instabu

minn PS 1086 u WPC 127 fil-kamra tas-sodda, fil-presenza tal-imputata. Il-Qorti tqis fir-rigward illi m'hemmx dubju madankollu illi dawn il-*mobile phones* kienet tagħmel użu minnhom l-imputata odjerna.

L-ewwel messaġġ fil-lista tal-messaġġi fuq il-*mobile phone* Nokia mudell 1100 jindirizza lill-"*mate*" u evidentement ma kienx indirizzat lill-imputata, tant illi fiċ-ċellulari l-ieħor Nokia 3120c, hemm messaġġ ieħor li ġie *saved* fl-10 ta' Ġunju 2009, indirizzat lin-numru 99473065 (ossia l-istess numru li bagħat il-messaġġ indirizzat lil "*mate*") li jgħid hekk:

> "Do me a favour steve when u see me dont even look at me.thanks tal parir li tajt il Jason ta ima misek la ma tafx xem bejnitna tindahalx ok ax int qanpina wahda smajt u ma tafx xinu jigri ok…"

Huwa evidenti illi dan il-messaġġ intbagħat mill-imputata b'risposta għall-ewwel messaġġ fuq iċ-ċellulari Nokia 1100. Madankollu, għalkemm dan l-ewwel messaġġ mhuwiex indirizzat lilha, iżda skont il-messaġġ hawn fuq riprodott jidher li ntbagħat lil "*Jason*", ma jistax jingħad illi l-*mobile phone* Nokia 1100 ma kienx jintuża mill-imputata. Hekk per eżempju l-messaġġ risponsiv hawn taħt indikat huwa fil-femminil, li juri għalhekk illi kienet l-imputata li bgħatet dan il-messaġġ, b'risposta għal dak ta' qablu:

| | | |
|---|---|---|
| *Inbox* | 16-Jun-09<br>15:11:45<br>+35699467037 | *Tista itni wihed u itijomlok ada pls.* |
| *Sent* | 16-Jun-09<br>15:15:32<br>+35699467037 | *Ma nistax jas mafga alostja eda qas naqadum min eda u infati kont ha nsaqsik a €60 li fadalek itini..* |

Bl-istess mod dan il-messaġġ huwa wkoll fil-femminil:

| | | |
|---|---|---|
| *Sent* | 16-Jun-09<br>12:41:37<br>+35679014053 | *Ima dunlix hafna ta ax bla diesel xej eda jin* |

Messaġġi oħra fuq l-istess ċellulari mbagħad huma speċifikatament indirizzati lill-imputata bl-użu tal-kliem '*jak'* u *'Jac*'.

| | | |
|---|---|---|
| *Inbox* | 16-Jun-09<br>17:49:48<br>+35699043523 | *Id dar jak itfahom fil letter box* |

| | | |
|---|---|---|
| *Inbox* | 17-Jun-09<br>20:47:18<br>+35699426629 | *Jac am out can I give u 30 euro today and 20 tom when u wake up pls* |

Lanqas ma hemm dubju mbagħad illi t-tieni ċellulari Nokia 3210c kien jintuża mill-imputata odjerna, u dan kif evidenti min-numru ta' messaġġi li jirreferu għal '*jac*', '*jack*', '*jake*' u '*jackie*'.

Il-Qorti niżżlet il-messaġġi li jirriżultaw mir-relazzjoni f'sekwenza ta' data u ħin skont in-numru taċ-ċellulari li minnu ntbagħtu stante illi dan jirrendi iżjed faċli għall-qarrej li jifhem dak li qed jingħad. Wieħed ma jistax ma jinnutax l-urġenza fil-messaġġi ta' min irid jinqeda għad-droga, kif il-mittenti lkoll jitolbu sabiex imorru għand l-imputata, jew jinfurmawaha li sejrin għandha jew li qegħdin hemm u kif l-imputata tinformahom li waslet id-dar, jew li jistgħu jgħaddu, jew li qamet. Il-Qorti tinnota wkoll illi tlieta min-numri li jidhru fuq l-ewwel ċellulari ossia 77817967, 99426629 u 99170176 jidhru wkoll fuq it-tieni ċellulari. Mill-kontenut u s-sekwenza ta' dawn il-messaġġi, il-Qorti m'għandhiex dubju illi dawn jirreferu proprju għal xiri tad-droga mingħand l-imputata u għall-flus relatati mal-istess droga.

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi l-qratas bid-droga eroina nstabu fil-pussess tal-imputata ossia fil-kontroll effettiv tagħha, la darba nstabu proprju fil-gwardarobba fil-kamra tas-sodda tagħha. Il-Qorti tqis illi abbinati dawn il-messaġġi mas-sejba ta' din id-droga, lanqas ma jibqa' dubju dwar ix-xjenza tal-istess imputata fir-rigward tal-istess droga. F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll illi fil-pussess tal-imputata, ossia fl-istess kartiera fejn instabet id-droga, kif ukoll f'kartiera oħra, instabu żewġ listi b'ismijiet ta' nies u ħdejhom ammonti ta' flus, li ma jħallu l-ebda dubju – proprju fil-kuntest tad-droga u l-messaġġi misjuba fuq iż-żewġ ċellulari – illi dawn m'humiex għajr listi ta' nies, klijenti tal-imputata, u tal-flus dovuti minnhom lilha in konnessjoni max-xiri tad-droga. Għalkemm il-Qorti m'hijiex espert kaligrafu, tinnota illi l-kitba fuq iż-żewġ listi hija tista' tgħid l-istess. Il-Qorti tinnota wkoll illi waħda mill-persuni ndikati fuq il-lista, Dok. JB 5, hija ċertu 'Katia' u li ħdejn isimha hemm indikati ċ-ċifri '€70 + €10'. Tinnota wkoll illi wieħed mill-messaġġi fejn il-mittenti titlob 'lolly' ta' 10, ukoll jisimha 'Katia':

| | | |
|---|---|---|
| *Inbox* | 13/06/2009<br>10:42:41<br>+35679536913 | *Hi darling an how r u jack went to jose to make sure about hair apo 4 u so c u at 1 an can i have a lo lly of 10 please a good 10 sweet y thanks alot love kat ia x x x c u x* |

Il-Qorti qed tqis ukoll għalkemm l-ammont ta' eroina misjub fil-pussess tal-imputata ma kienx wieħed kbir, madankollu, dan kien maqsum f'disat iqratas, erbgħa minnhom f'piż identiku ta' 0.11 grammi u l-oħrajn f'piżijiet tassew simili ta' 0.12 grammi, 0.13 grammi, 0.14 grammi, 0.17 grammi u 0.18 grammi, b'tali mod għalhekk illi lanqas ma hemm dubju illi din id-droga ġiet maqsuma b'tant preċiżjoni sabiex tiġi spaċċata.

Il-Qorti qed tqis ukoll dak li ssottomettiet id-difiża fil-każ odjern:

> «Issa jiena nixtieq lis-Sinjurija tieghek naghmel referenza ghall-kawza Pulizija vs Jacqueline Farrugia wkoll moghtija mill-Magistrat Neville Camilleri. Din fl-istess perjodu kellha zewg kawzi, din u dik li kienet quddiem il-Magistrat Camilleri u l-Magistrat Camilleri kien qaxxarha s-sitwazzjoni fis-sentenza u ha nghid ghaliex. Dik kienet tikkoabita ma' certu Jason Abela mlaqqam it-Turan u dan Jason Abela t-Turan li ssemma kellu pendenti zewg kawzi tad-droga ma' l-Ispettur illum AC Dennis Theuma li kienu ga pendenti jew ghas sentenza. L-attivita tad-droga dan ma kienetx taghmilha hi. Din kienet tikkonsma d-droga, kienet junkie dak iz-zmien, imma din biex lil dan Jason Abela ma tkomplix izzidlu l-inkwiet li kellu dan kien jispacca d-droga ... pero dak iz-zmien din li sabulha ghaxart iqratas id-dar u din kienet tikkonsma, at best kienet tikkonsma at  best kemm tiflah, at worse anqas biss kienu taghha imma kienu ta' Jason ghax dik hija l-verita.»

Fir-rigward, il-Qorti tqis illi dak li rriżulta f'każ ieħor tal-istess imputata, deċiż minn din il-Qorti kif diversament preseduta, ċertament illi ma jagħmilx prova fl-atti ta' dawn il-proċeduri.  Id-difiża lanqas ma ttentat iġġib xi prova fir-rigward, lanqas per eżempju illi l-imsemmi Jason Abela kien jikkoabita mal-imputata. Jirriżulta mill-atti madankollu illi ċertu Jason Michael Abela kien preżenti fir-residenza tal-imputata meta saret it-tfittxija u mill-messaġġi li nstabu fuq iż-żewġ *mobile phones,* il-Qorti tista' wkoll tiddeduċi illi l-imputata u 'Jason' kienu f'relazzjoni.[19]  Żgur iżda, mill-provi li l-Qorti kkunsidrat iżjed 'il fuq, ma jistax jingħad illi l-attivita` tad-droga ma kinitx tal-imputata, kif issostni d-difiża.  Mhux eskluż illi Jason ukoll kien jispaċċa d-droga jew kien kompliċi mal-imputata fl-ispaċċ tad-droga, tant illi f'żewġ messaġġi, wieħed mibgħut mill-imputata u ieħor riċevut minnha, issir referenza speċifika għal 'jason' u dan mingħajr dubju in konnessjoni mad-droga u flus relatati mad-droga:

| | | |
|---|---|---|
| *Inbox* | 12/06/2009<br>15:55:39<br>+35699426629 | *Dropped money with jason* |

[19] Ara b'mod partikolari tliet messaġġi *saved* fuq iċ-ċellulari Nokia 3120c li l-imputata tindirizza lil 'jas' fis-7 ta' Ġunju 2009.

| | | |
|---|---|---|
| *Sent* | 13/06/2009 11:56:50 +35699170176 | *99163074 da ta jason ima jek ha cemplu al xi 8 ha jkolu ax ana l pracet ahna lum.thks.* |

Biss kif ingħad, kien x'kien l-involviment ta' dan Jason fl-attivita` tad-droga, il-provi huma ċari u juru mingħajr dubju illi l-imputata kienet titraffika d-droga fiż-żmien mertu tal-każ odjern. Il-Qorti hawnhekk qed tqis ukoll illi għalkemm la l-messaġġi fuq il-*mobile phone* u lanqas in-notamenti bl-ismijiet u l-ammonti ta' flus ma jirreferu għat-tip ta' droga li kienet tipprokura l-imputata, biss tqis ukoll illi fid-dar tagħha nstabet proprju d-droga eroina, lesta sabiex tiġi spaċċata.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi kemm l-ewwel imputazzjoni li tikkontempla r-reat ta' traffikar tad-droga eroina, kif ukoll it-tieni imputazzjoni, li tikkontempla r-reat ta' pussess aggravat tal-istess droga, ġew sodisfaċentement ippruvati.

In kwantu madankollu l-aggravju tad-distanza, li huwa marbut kemm mal-ewwel kif ukoll mat-tieni imputazzjonijiet, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni baqgħet ma ġabet l-ebda prova fir-rigward, u għaldaqstant, tqis illi dan l-aggravju ma jirriżultax ippruvat.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda fl-ewwel lok tqis il-fedina penali tal-imputata, kif aġġornata sa Novembru 2020, mil-liema jirriżulta illi hija nstabet ħatja ta' reati kontravvenzjonali, ħsara volontarja u talli kkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa, fastidju u serq sempliċi, bl-aħħar reat jirrisali għas-sena 2012. Minn dakinhar ma jidhirx illi l-imputata reġgħet xellfet diffrejha mall-ġustizzja. Dwar dawn, l-imputata ngħatat twiddiba/twissija, ġiet imposta fuqha garanzija ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u ngħatat liberazzjoni kundizzjonata għall-perjodu ta' tliet xhur.

Qed tqis ukoll in-natura serja tal-imputazzjonijiet odjerni, iċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll in-natura u l-ammont tad-droga nvoluta.

Qed tqis in oltre illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2009, beda jinstema' sena wara fis-sena 2010 u illi l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fis-sena 2014. Kien biss f'Jannar tas-sena 2019 illi d-difiża għalqet il-provi tagħha, mingħajr ma ġabet l-ebda prova (kif kellha kull dritt li tagħmel, iżda mhux b'daqstant dewmien u telf ta' ħin) u dan wara sensiela ta' differimenti għal raġunijiet imputabbli lill-imputata jew lid-difiża.

.

Qed tqis ukoll in kwantu s-somma fi flus kontanti misjuba fil-pussess tal-imputata, illi ma jirriżultax ippruvat fil-grad rikjest mil-liġi illi din kienet ġejja mid-droga. Qed tqis ukoll fir-rigward illi jirriżulta minn Dok. ED esebit mid-difiża[20] illi nhar it-13 ta' Ġunju 2009, ossia ħamest ijiem qabel il-każ odjern, l-imputata rċeviet is-somma ta' €568.14 f'benefiċċji soċjali.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputata **Jacqueline Farrugia** mhux ħatja tal-aggravju tad-distanza mertu tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet, iżda ħatja tar-reati fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet ossia illi forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew tipprokura d-droga eroina, kif ukoll illi kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha, u tikkundannaha fir-rigward għall-piena ta' **disa' (9) xhur priġunerija effettiva** u **multa ta' elf ewro (€1,000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali jistgħu jitħallsu mill-ħatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi kemm il-darba l-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri, ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mitejn, tnejn u sittin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€262.96) u l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti għas-somma ta' erba' mija, tmienja u sebgħin ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€478.61), b'kollox għalhekk is-somma ta' seba' mija, wieħed u erbgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€741.57), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħatja fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna r-rilaxx favur il-ħatja tad-dokument immarkat Dok. JB 2, kif ukoll tal-flus esebiti bħala Dok. JB 7.

Tordna l-konfiska tal-kartiera esebita bħala Dok. JB 3 u tal-*mobile phones* esebiti bħala Dok. JB 4, favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. JB 6, kif ukoll tal-karta b'lista ta' ismijiet u numri formanti parti minn Dok. JB 3 u ta' Dok. JB 5, hekk kif din

[20] Ara a fol. 14 tal-proċess.

is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat